MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 531/2013

**Hempel Coatings Sanayi Ve Ticaret Limited Sirketi socjeta registrata t-Turkija, rapprezentata hawn Malta mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino**

**vs**

**Espada Maritime Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-4 ta’ Gunju 2013 li jghid hekk:
1. Illi s-socjeta konvenuta hija proprjetarja tal-vapur m.v. ESPADA I registrat hawn Malta u li ghandu numru tal-IMO 9071650;

2. Illi fit-18 ta' Jannar 2012 is-socjeta attrici pprovdiet zebgha lis-socjeta konvenuta ghal l-uzu fuq l-imsemmi bastiment m.v. ESPADA I u nharget fattura (hawn annessa u mmarkat Dok. 'A') indirizzata lis-socjeta konvenuta;

3. Illi ghalkemm is-socjeta konvenuta kellha thallas din il-fattura sas-17 ta' April 2012, naqset milli thallas il-fattura dovut lis-socjeta attrici, liema somma hija ta' US$29,628.80 (disgha u ghoxrin elf, sitt mija u tmienja u ghoxrin, dollar Amerikan u tmenin centezmu) ekwivalenti ghal €22,789.50 (tnejn u ghoxrin elf, seba' mija u disgha u tmenin ewro u hamsin centezmu);

4. Illi din il-pretensjoni tas-socjeta attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta tirrigwarda somma dovuta lis-socjeta attrici ghal fornitura ta' zebgha lis-socjeta konvenuta kif previst fl-artikolu 742B(o) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u azzjonabbli bhala azzjoni in rem a tenur tal-artikolu 742D tal-Kap. 12 b'dan ghalhekk illi tikkostitwixxi dritt fi u jew fuq bastiment kif mfisser fl-artikolu 37(10)(a)(v) u/jew (v) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif jigi pruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza u konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar bastimenti jew sehem fih;

5. Illi sa fejn taf is-socjeta attrici, l-assi tas-socjeta konvenuta huwa l-vapur m.v. "Espada I" registrat hawn Malta u jekk is-socjeta konvenuta tbiegh jew titrasferixxi mod iehor dan il-vapur, jew xi sehem tieghu, il-kreditu tas-socjeta attrici jigi eluz.

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. ESPADA I, numru tal-IMO 9071650 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda "deletion certificate" u dan taht dawk il-

kondizzjonijiet u pattijiet li jidrilha xierqa u opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata pero ma dehritx ghas-seduta tas-26 ta' Gunju 2013;

Semghet lil Dr. Louis Cassar Pullicino li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont pretiz ghadu dovut.

**Decide**

Billi l-Qorti hi sodisfatta prima facie illi l-premessi tas-socjeta attrici jiggustifikaw it-talbiet maghmula u ma rrizultax illi s-socjeta attrici ghandha d-drittijiet pretizi taghha mod iehor assikurati;

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment merkantili m.v. ESPADA I u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment; kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati "mortgages" fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda "deletion certificate" skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta; u fit-termini tal-provvedimenti tal-istess artikolu tali ordni tigi notifikata mill-attur lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------